# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 7 ta' Novembru, 2017**

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 636/16JRM**

**CREDORAX BANK LIMITED (C – 46342)**

vs

**LRQ DISTRIBUTION LIMITED** (kumpannija reġistrata ġewwa r-Renju Unit bin-numru ta' reġistrazzjoni 09170440)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta' Lulju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Bank attur talab li din il-Qorti (i) issib li l-kumpannija barranija mħarrka taħti għad-danni mġarrbin minnu b'riżultat taċ-*chargebacks* mitluba mill-klijenti tagħha wara li naqset li tonora l-obbligi li assumiet mal-imsemmija klijenti tagħha; (ii) tillikwida d-danni imġarbin minnu minħabba l-imġieba tal-kumpannija mħarrka, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan; u (iii) tordna lill-kumpannija mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati,

flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet legali sal-jum tal-ħlas effettiv. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Awwissu, 2016[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka bil-meżż maħsub fir-Regolament 1393/07KE u tat direttivi lill-Bank attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank attur fit-22 ta' Settembru, 2016, bl-affidavit hemm mehmuż;

Rat in-Nota mressqa mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili fis-17 ta' Marzu, 2017[2], li turi li l-kumpannija mħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża imma baqgħet ma ressqet l-ebda Tweġiba għall-azzjoni attriċi fiż-żmien li tagħti l-liġi għal dan il-għan;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Bank attur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-Bank attur;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Lulju, 2017, li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat li l-kumpannija mħarrka naqset li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha fiż-żmien mogħti lilha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Lulju, 2017, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar danni kuntrattwali. Il-Bank attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Credorax"), bħala *acquiring bank*, daħal f'kuntratt mal-kumpannija mħarrka brranija (minn issa 'l hemm imsejħa "LRQ") biex joffri servizzi ta' ipproċessar ta' ħlasijiet magħmulin bil-karti ta' kreditu jew ta' debitu tal-klijenti tal-istess LRQ għal żmien tliet snin u li jirrifondi lill-istess klijenti għal dawk in-nefqiet li jkunu għamlu biex ordnaw xirjiet li tagħhom ma tkunx saret il-

[1] Paġġ. 331 – 2 tal-proċess
[2] Paġġ. 353 – 5 tal-proċess

konsenja. Credorax irid li l-Qorti ssib li LRQ taħti għall-ħlasijiet li kellu jagħmel lill-klijenti tagħha u li tillikwidahom;

Illi għal din l-azzjoni, LRQ ma ressqet l-ebda kontestazzjoni, minkejja n-notifika, u tinsab kontumaċi;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-provi mressqa jirriżulta li fl-14 ta' Ottubru, 2014[3], Credorax daħal fi ftehim ma' LRQ (bħala l-kummerċjant) u ma' Axcess Merchant Services Limited (bħala l-provditur) li bih Credorax intrabat li jagħti lil LRQ servizzi ta' proċessar u ħlas magħmul mill-klijentit tagħha bil-*credit* jew *debit cards* suġġett għall-ħlas minn LRQ tat-tariffi miftehma biex jingħata tali servizz. Axcess kellha tagħti servizzi lil LRQ biex il-klijenti ta' LRQ ikunu jistgħu jagħmlu x-xirjiet tagħhom elettronikament. Il-ftehim kellu jtul għal tliet (3) snin[4] u jkun regolat bil-liġi ta' Malta[5];

Illi matul iż-żmien li l-kuntratt kien fis-seħħ Credorax nieda eżerċizzju biex tistħarreġ kif kien miexi n-negozju kopert bil-ftehim, u ħareġ li kienu qegħdin jirriżultaw bosta każijiet fejn ordnijiet magħmulin minn klijenti ta' LRQ ma ġewx onorati minkejja li jkun sar il-ħlas[6]. Credorax bdiet tħallas ir-rifużjonijiet mitluba mill-klijenti għal ħlas ta' xejn li kienu għamlu u wara li bdew jiżdiedu l-ilmenti mill-istess klijenti;

Illi b'ittra mibgħuta minn Credorax fl-14 ta' Lulju, 2016[7], huwa għarraf lil LRQ li kien qiegħed itemm il-ftehim ta' bejniethom skond it-termini miftehmin[8];

Illi fit-18 ta' Lulju, 2016[9], Credorax nieda kwerela biex jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija jiftaħ proċeduri kriminali fil-konfront ta' LRQ;

Illi sa lejliet li nfetħet il-kawża, l-ammont ta' *chargebacks* li Credorax kellha tagħmel tajjeb għalihom kien tela' għal madwar ħamsa u tmenin elf euro (€ 85,000)[10] fi transazzjonijiet f'denominazzjoni ta' Euro, Lira Sterlina jew Dollaru Amerikan. Credorax kien talab lil LRQ matul iż-żmien li l-ftehim kien għadu fis-seħħ biex tindirizza n-nuqqasijiet li kienu qegħdin jirriżultaw u biex tħares kif imiss ir-rabtitet kuntrattwali tagħha miegħu[11];

Illi Credorax fetaħ din il-kawża fid-29 ta' Lulju, 2016;

---

[3] Dok "CBL1", f'paġġ. 9 sa 62 tal-proċess
[4] Klawsola 12.1 tal-Iskeda 5
[5] Klawsola 9.1
[6] Dok "CBL2", f'paġ. 63 tal-proċess
[7] Dok "CBL8", f'paġ. 78 tal-proċess
[8] Klawsola 12.2.14 tal-Iskeda 5
[9] Dok "CBL9", f'paġġ. 79 – 82 tal-proċess
[10] Dok "CBL4", f'paġ. 72 tal-proċess
[11] Affidavit ta' Dr Karl Gonzi u xhieda tiegħu f'paġġ. 335 u 360 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali, jibda biex jingħad li l-qofol ta' din l-azzjoni hija l-kwestjoni tan-nuqqs ta' twettiq ta' rabtiet kuntrattwali u l-konsegwenzi li dan iġib miegħu. Credorax jisħaq li l-imġiba ta' LRQ f'dan il-każ kien ukoll wieħed qarrieqi u sar b'ħażen biex iqarraq kemm bl-istess Credorax u kif ukoll bil-klijenti tagħha;

Illi l-fatt li LRQ waqgħet kontumaċi f'dn il-każ m jfissirx li hija tistqarr ix-xiljiet ta' Credorax, u xorta waħda jaqa' fuq Credorax il-piż li jipprova l-pretensjonijiet tiegħu u, b'mod partikolari, x-xilja li LRQ mxiet b'qerq. Il-qerq mhuwiex preżunt u jrid ikun ippruvat;

Illi l-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[12];

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[13]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[14] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[15], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[16];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[17], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[18]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[19];

Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[20]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab

---

[12] Art. 1125 tal-Kap 16
[13] Art. 1127 tal-Kap 16
[14] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[15] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[16] Art. 1135 tal-Kap 16
[17] Art. 1135 tal-Kap 16
[18] Art. 1137 tal-Kap 16
[19] Art. 1136 tal-Kap 16
[20] Art. 1132(1) tal-Kap 16

il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[21];

Illi kif ingħad qabel, id-danni mitluba minn Credorax f'din il-kawża huma mnissla minn ksur ta' rabta kuntrattwali u mhux minn għemil delittwali. Il-Qorti tifhem ukoll li l-ksur unilaterali min-naħa ta' waħda minn żewġ kontraenti fuq ftehim jissarraf ukoll f'għamla ta' inadempiment tar-rabtiet kontrattwali. Kemm hu hekk, id-duttrina tgħallem li "*Si ha inadempimento del contratto quando il debitore non esegue la prestazione dovuta, o la esegue in modo tardivo, oppure in modo inesatto; l'inadempimento delle obbligazioni (modo non satisfattivo di estinzione dell'obbligazione) comporta inadempimento del contratto*"[22];

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[23]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[24], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[25];

Illi mill-provi mressqa minn Credorax, ħareġ ċar li LRQ naqset bis-sħiħ milli twettaq il-kuntratt b'bona fidi, kif titlob il-liġi li tirregola l-ftehim li kellha ma' Credorax (jiġifieri l-liġi Maltija)[26]. Mill-provi mressqa, ħareġ li LRQ għamlet manuvri wkoll biex mhux biss tipprova taħrab mir-responsabbilta' li kellha lejn Credorax u, xejn anqas, lejn il-klijenti tagħha, imma nisġet skema li tibqa' taħdem bl-istess metodi taħt is-sura ta' isem differenti;

Illi Credorax ressqet provi wkoll li jfissru n-natura tad-dannu mġarrab minnha u minn xiex kien magħmul[27]

Illi fil-fehma tal-Qorti, u fid-dawl tal-provi mressqa, il-Qorti ssib li LRQ tassew kisret il-ftehim li kellha ma' Credorax u li għamlet dan mhux minħabba

---

[21] Art. 1133 tal-Kap 16
[22] G Alpa Corso di Diritto Contrattuale (2006), paġ. 145
[23] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[24] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[25] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[26] Art. 993 tal-Kap 16
[27] Xhieda ta' Mark Theuma f'paġġ. 364 – 7 tal-proċess

raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħha, imma b'rieda li taħrab mir-rabtiet kuntrattwali tagħha u b'nuqqas ta' bona fidi;

Illi għalhekk l-ewwel talba jistħoqqilha tintlaqa';

Illi dwar **il-likwidazzjoni tad-dannu** mġarrab minn Credorax, joħroġ mill-provi li kien hemm għadd ta' transazzjonijiet li l-klijenti ta' LRQ kien jistħoqqilhom jingħataw rifużjoni minħabba li l-ordnijiet li għmlu ma kinux imwettqa minn LRQ. Minħabba r-rbtiet kuntrattwali li Credorax daħal għalihom ma' LRQ, kellu jrodd lura lill-imsemmija klijenti l-ħlasijiet li huma kienu għamlu għalxejn. Minħabba li LRQ ma għamlitx tjjeb lil Credorax ta' l-imsemmija ħlasijiet jew rifużjonijiet, Credorax baqa' lampa stampa. Dawn huma d-danni mġarrba u dwar dan Credorax qiegħed jitlob il-likwidzzjoni u l-ħlas;

Illi Credorax ressaq provi ċari u tajbin biżżejjed biex ifisser u jikkwantifika d-dannu pretiż. Ma kienx meħtieġ għall-Qorti li toqgħod taħtar perit komputista biex jivverifika l-imsemmija pretensjoni. Dan kien iżid biss l-ispejjeż tal-kawża u jtawwalha bla bżonn. Il-Qorti sabet li, meta fliet il-provi mressqa, il-pretensjoni kwantifikata[28] minn Credorax hija msejsa fuq provi dokumentati kif imiss u minn xhieda li wieħed jista' joqgħod fuqha[29];

Illi minn tali provi, il-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba minn Credorax fis-somma ta' mija u tmenin elf ħames mija u sitta u sebgħin euro (€ 180,576) bħala ammont sħiħ aġġornat ta' *chargebacks* li Credorax għamel tajjeb għalihom għal kisbiet minn klijenti ta' LRQ fi tliet (3) denominazzjonijiet ta' valuta (Euro, Lira Sterlina u Dollaru Amerikan). Minħabba dak li ngħad qabel, LRQ trid tagħmel tajjeb għal dawn id-danni;

Illi minħabba f'hekk il-Qorti ssib li t-tieni u kif ukoll it-tielet talbiet attriċi huma mistħoqqa u sejra tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-kumpannija mħarrka:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti għad-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi minħabba ċ-*chargebacks* li ntalbet tagħmel mill-klijenti tal-kumpannija mħarrka dwar ħlasijiet magħmulin minnhom għal ordnijiet li l-kumpannija mħarrka baqgħet ma wettqitx;

[28] Ara Dok "TAM", f'paġ. 358 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Tracy Anne Micallef f'paġġ. 361 – 2 tal-proċess

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' mija u tmenin elf ħames mija u sitta u sebgħin euro (€ 180,576);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mija u tmenin elf ħames mija u sitta u sebgħin euro (€ 180,576) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-15 ta' Frar, 2017, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**7 ta' Novembru, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**7 ta' Novembru, 2017**